ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014**

| Is-Sitt Sena | L-ISTUDJI SOĊJALI | Il-Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ____________

______________

**Il-Marka minn 100**

## AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

1. **IL-KOMUNIKAZZJONI**. Aqra din l-istorja.



Wara l-iskola Pietru u Anna issa draw li malli jaslu d-dar jagħmlu x-xogħol li jkun tahom l-għalliem mill-ewwel. Ma jitnikkrux. L-ewwel dejjem jagħmlu x-xogħol tal-Matematika. Wara jagħmlu x-xogħol fil-Malti u fl-Ingliż. Ġieli mbagħad jixegħlu l-kompjuter meta jkollhom xogħol ta' riċerka x'jagħmlu.
Filgħaxija l-familja kollha mbagħad issib ħin biex jieklu flimkien. Wara l-ikel, min joqgħod jara t-televixin, min jaqra, min jisma' r-radju u min jaqra l-gazzetta.

**Wieġeb**.

1. Semmi tliet mezzi ta' komunikazzjoni li jissemmew fl-istorja.

   a. ______________________________________________

   b. ______________________________________________

   c. ______________________________________________ (3)

2. Għaliex mir-riċerka permezz tal-Internet nistgħu nitgħallmu ħafna?

   ____________________________________________________________________

   ____________________________________________________________________ (2)

3. Semmi mezz ta' komunikazzjoni u għid kif permezz tiegħu nistgħu nuru l-opinjoni tagħna.

   a. il-mezz ta' komunikazzjoni:

      ______________________________________________ (1)

   b. kif nuru l-opinjoni tagħna:

      ______________________________________________ (2)

4. B'liema żewġ lingwi joħorġu l-maġġoranza tal-gazzetti f'Malta?

   ____________________________________________________________________ (2)

**(10 marki)**

2. **Ħares lejn it-tpenġija u imla l-vojt tas-sentenzi li ġejjin.**




a. Għall-bini tad-djar Maltin tintuża l-iktar ______________________ (2)

b. Ir-ramel li nħalltu fil-konkos inġibuh mill- ______________________ (2)

c. Ix-xaħx li nużaw mat-tikħil inġibuh mill- ______________________ (2)

d. L-iskulturi li jagħmlu statwi tal-ġebel jużaw l-iktar il-ġebla tal- ______________________ (2)

e. Il-fuħħar nagħmluh mis-saff tal-ġebel magħruf bħala ______________________ (2)

**(10 marki)**

3. **Wieġeb il-mistoqsijiet dwar IL-PAESAĠĠ MALTI.**



1. Fir-ritratt tidher daħla fil-baħar fejn insibu x-xatt mimli bir-ramel. X'tissejjaħ daħla bħal din? ______________________ (2)
2. Bil-qawwa tal-mewġ u bis-saħħa tar-ramel u ż-żrar ġieli tifforma ruħha daħla fil-blat. X'tissejjaħ daħla bħal din?

   ______________________ (2)
3. Xi nsejħulu meta naraw blat għoli nieżel dritt lejn il-baħar?

   ______________________ (2)
4. Fejn nibnu lqugħ jew ħitan b'saħħithom ħafna biex ma nħallux l-ilma kollu tax-xita jinħela fil-baħar?

   ______________________ (2)

**(8 marki)**

4. **Nużaw il-*bring-in sites.***

1. Aqta' sing taħt l-erba' (4) oġġetti li suppost narmu fil-kontenitur immarkat **METALL**.




- fliexken tal-ħġieġ
- laned tal-birra
- ġurnali
- vit tal-ilma li m'għadux tajjeb
- laned tal-priserv
- kaxxi taż-żraben tal-kartun
- pajp tal-ilma magħmul mill-ħadid
- folders tal-plastik (4)

2. Semmi żewġ kontenituri oħra minbarra tal-METALL li jkun hemm fil-*bring-in sites*:

_______________________________________________ (2)

3. Għaliex huwa tajjeb li nużaw il-*bring-in sites* ?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. Semmi żewġ modi kif nistgħu nnaqqsu mill-iskart li nipproduċu fil-ħajja tagħna:

(a) _______________________________________________ (1)

(b) _______________________________________________ (1)

**(10 marki)**

**5. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jifirdu | kenn | briks | l-ħamrija | nsetti |
| fil-kampanja | siment | l-konfini | mibnija | t-toroq |



Il-ħitan tas-sejjieħ ______________________ għalqa minn oħra. Juruna wkoll sa fejn jaslu ____________________ bejn għalqa u oħra u bejn l-għelieqi u _________________ . Dawn il-ħitan li nsibu mifruxin fl-għelieqi madwar Malta u Għawdex inbnew l-iktar bħala ___________________ kontra l-irjieħ qawwija li jkollna. Fil-ħitan tas-sejjieħ la jintuża _____________________ u lanqas ________________________ . Il-ħitan tas-sejjieħ jipproteġu _________________________ biex ma titkaxkarx lejn il-baħar wara xi ħalba xita qawwija. Fil-ħitan tas-sejjieħ ukoll insibu bosta __________________ li jagħmlu ħafna ġid lill-għelieqi tagħna. Il-ħitan tas-sejjieħ insibuhom _____________________ imma ma nsibuhomx fl-ambjenti ________________________________ .

**(10 marki)**

## 6. Wieġeb dwar IL-PREISTORJA.



**Aqra:** Fir-ritratt jidher it-tempju megalitiku ta' Ħal Tarxien. Dan kien l-aħħar tempju mibni fil-Gżejjer Maltin min-nies ta' Żmien ir-Ram. Fdal ieħor ta' dawn in-nies bravi huwa l-Ipoġew. Wara n-nies ta' Żmien ir-Ram, għexu f'Malta nies magħrufa bħala n-nies ta' Żmien il-Bronż.

**Wieġeb il-mistoqsijiet**.

1. Semmi żewġ tempji megalitiċi oħra (minbarra dawk ta' Ħal Tarxien) mibnija min-nies ta' Żmien ir-Ram fil-Gżejjer Maltin:

   (a)_________________________________ (1)

   (b)_________________________________ (1)

2. Għid kif, matul iż-żmien, dawn it-tempji ġratilhom ħsara kbira:

   ______________________________________________________________ (2)

3. Agħti eżempju wieħed kif illum qegħdin nipproteġu u nieħdu ħsieb lil dawn it-tempji.

   ______________________________________________________________ (2)

4. Fdal ieħor ta' Żmien ir-Ram li sibna f'Malta huwa l-Ipoġew. Kif inhu magħruf dan l-Ipoġew?

   ______________________________________________________________ (2)

5. X'inhi d-differenza bejn **Tempju** u **Ipoġew**?

   ______________________________________________________________ (2)

6. Il-bronż huwa metall. Ikteb it-taħlita ta' żewġ metalli li minnhom isir il-bronż.

   ______________________________________________________________ (2)

7. In-nies ta' Żmien il-Bronż ma bnewx tempji. Semmi fdal wieħed importanti li ħallew warajhom dawn in-nies. __________________________________________ (2)

8. In-nies ta' Żmien il-Bronż, fost l-oħrajn, difnu l-mejtin tagħhom fit-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien. Kif difnuhom dawn il-mejtin?

   ______________________________________________________________ (2)

**(16-il marka)**

7. **WIEĠEB billi taqta' sing taħt it-tajba jew timla l-vojt.**

Fir-ritratt tidher il-Berġa tal-Italja.



A



B

1. Fil-Belt Valletta l-Kavallieri bnew (ħames, sitt, seba') bereġ. (1)
2. Kull (lingwa, fortizza, belt) tal-Kavallieri kellha l-berġa tagħha. (1)
3. Disinn A jurina l-pjanta tal-Berġa tal-Italja. X'taħseb li hemm fin-nofs tal-berġa?

   ______________________________________________________ (1)
4. X'forma għandha l-pjanta tal-berġa skont disinn A? ____________________ (2)
5. Disinn B jurina li l-Berġa tal-Italja hija 'simmetrika'. Dan ifisser li (il-forma tagħha hija ovali, fiha ħafna disinji, kull disinn li ssib fuq ix-xellug issibu wkoll fuq il-lemin). (2)
6. Fuq ġewwa l-Knisja Konventwali ta' San Ġwann iżżejnet fuq stil (ovali, Barokk, tond). (2)

**(9 marki)**

8. **Wieġeb dwar l-ASSEDJU L-KBIR tal-1565**.

1. Fir-ritratt jidher il-Forti Sant' Iermu minn ġewwa. Għaliex it-Torok iddeċidew li jattakkaw lill-Forti Sant' Iermu l-ewwel fl-Assedju tal-1565?



___________________________________

___________________________________

_______________________________ (2)

2. Semmi żewġ fortifikazzjonijiet oħra li kellhom il-Kavallieri u l-Maltin fl-Assedju tal-1565 (*Issemmix lill-Forti Sant' Iermu*):

(a) ________________________________________________ (1)

(b) ________________________________________________ (1)

3. Għid kif il-Forti Sant' Iermu għen lill-Kavallieri u lill-Maltin biex jirbħu l-Assedju l-Kbir tal-1565. ____________________________________

________________________________________________ (2)

4. Ikteb sentenza dwar kull wieħed minn dawn li ġejjin biex turi li taf min kienu u xi rwol kellhom fl-Assedju tal-1565:

a. Dragut:

________________________________________________

________________________________________________ (1)

b. Pialì Paxà:

________________________________________________

________________________________________________ (1)

c. Mustafà Paxà:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

d. Sulejman:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

e. La Valette:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

**(11-il marka)**

9. **Wieġeb billi taqta' sing taħt it-tajba jew timla l-vojt.**


A


B


C

1. Ritratt A jurina (s-Sagra Infermerija, l-Palazz tal-Gran Mastri, l-Knisja ta' San Ġwann).
2. Ritratt B jurina (s-Sagra Infermerija, l-Palazz tal-Gran Mastri, l-Knisja ta' San Ġwann).
3. Ritratt C jurina (s-Sagra Infermerija, l-Palazz tal-Gran Mastri, l-Knisja ta' San Ġwann).
4. Fejn jinsabu t-tliet biċċiet bini li jidhru fl-istampa? ______________________________
5. Min għamel il-pjanti tat-tliet biċċiet bini li jidhru fl-istampi?______________________
6. Is-Sagra Infermerija kienet (l-isptar, il-berġa, il-fortizza) prinċipali li kellhom il-Kavallieri f'Malta.
7. Fil-Knisja ta' San Ġwann insibu bosta (swar, opri tal-arti, sodod għall-morda).
8. Fil-Palazz tal-Gran Mastri nsibu fost l-oħrajn (sensiela ta' għaxar kmamar iffortifikati, sett arazzi famużi, sodod għall-morda).

**(2 marki x 8 = 16-il marka)**

**IT-TMIEM TAL-KARTA**